# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 2002

Citazzjoni numru 609/96 AJM

Kawza numru

Mario Scerri

Vs

Joseph Micallef

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-23 ta' Frar 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi huwa kien involut f'incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' Lulju 1993 f'Ghajn Dwieli Road, Bormla fis-1.50 p.m. liema incident sehh tort unikament tal-konvenut kif jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi konsegwenza ta' tali incident l-attur sofra danni konsiderevoli fuq persuntu skond l-anness certifikat Dok. A; illi l-attur (recte konvenut) kien interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni izda inutilment; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-incident awtomobilistiku fuq imsemmi sehh tort unikament tal-konvenut;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' danni hekk likwidata.

Bl-ispejjes u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut prezentata fit-3 ta' April 1997 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-pretensjonijiet tal-attur huma kollha nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt kif sa jirrizulta mill-provi.
2. Illi minghajr pregudizzju l-konvenut m'huwiex il-legittimu parti f'din il-kawza u dan peress illi huwa kien fl-4 ta' Lulju 1993 qieghed jezercita d-dover tieghu f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija li allura kellu jkun dan ta' l-ahhar bhala l-konvenut fil-kawza.
3. Illi barra minn hekk il-konvenut Joseph Micallef kien gie liberat fil-kawza li saret quddiem il-Qorti tal-Magistrati fir-rigward ta' din il-kollizzjoni li saret bejn il-vettura M-2302 misjuqa mill-konvenut u Y-1849 mill-attur.
4. Illi ukoll l-imsemmija vettura M-2302 fl-4 ta' Lulju 1993 kien zviluppalha hsarat fis-sistema tal-barkes u ghalhekk l-incident kien totalment "causa (sic) fortuitus" u ghalhekk il-konvenut ma kienx responsabbli ghal dan l-incident awtomobilistiku.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-konvenut.

Rat id-digriet ta' din l-Qorti diversament preseduta tal-20 ta' Gunju 1997 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti sabiex tinstema flimkien mal-kawza numru 1718/96 AJM kif preseduta.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Dicembru 1997 meta gie mahtur bhala espert mediku l-kirurgu Charles Sciberras fuq talba tal-partijiet.

Rat ir-rapport tal-istess espert mediku mahluf fl-udjenza tat-12 ta' Gunju 1998 fejn gie dikjarat li l-attur kien qed ibghati minn dizabilita' permanenti fi grad ta' 3%.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Novembru 1998 meta l-konvenut l-ewwel talab il-kjamata in kawza tal-Kummissarju tal-Pulizija izda fl-istess udjenza talab li, f'dan l-istadju, il-Qorti ma taghti ebda provediment dwar din it-talba

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-5 ta' Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet "Elmo Insurance Services Ltd vs PC 537 Joseph Micallef et" (Citaz. Nru 1718/96).

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Novembru 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta al-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Dwar responsabbilita' ghall-akkadut illum din il-Qorti trid tigi guidata bil-pronunzjament tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-5 ta' Ottubru 2001 fil-kawza "Elmo Insurance Services Ltd vs PC 537 Joseph Micallef et". B'dik is-sentenza li tirrigwarda l-istess incident mertu ta' din il-kawza, giet finalment stabbilit li r-responsabbilita' ghal dan l-incident ghandha tigi apporzjonata fi kwoti ugwali kemm fuq PC Joseph Micallef, is-sewwieq tal-Fire Engine, konvenut f'din il-kawza, kif ukoll fuq il-Kummissarju tal-Pulizija, mhux parti f'dawn il-proceduri, u dana ghar-ragunijiet hemm imsemmija.

Qabel ma inghatat is-sentenza mill-Onor Qorti ta' l-Appell il-konvenut odjern, konvenut ukoll f'dawk il-proceduri, talab li f'dawn il-proceduri jressaq provi ohra indikattivi tal-casus fortuitus ossia in-nuqqas ta' responsabbilita' tieghu minhabba in-nuqqasijiet tal-konvenut l-iehor f'dawk il-proceduri u cioe l-Kummissarju tal-Pulizija. Dan naturalment biex jezonera ruhu minn kull responsabbilita' kuntrarjament ghal kif kien gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru 1999 fil-kawza fuq imsemmija. Dawn il-provi llum ma ghandhomx aktar relevanza inkwantu fis-sentenza tal-Onor Qorti ta' l-Appell gie stabbilit li filwaqt li kien hemm negligenza da parti tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija meta naqas li jassigura, b'mod rigoruz, li l-vetturi uzati mill-membri tal-korp jkunu idonei, dan in-nuqqas ma kienx jiggustifika l-eccezzjoni tal-'forza magguri' da parti tal-konvenut Micallef inkwantu l-incident gara ukoll minhabba negligenza jew sewqan hazin da parti tieghu.

Dan stabbilit ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur u wara tikkunsidra s-sottomissjoni tal-istess attur maghmula fin-nota tal-osservazzjonijiet fir-rigward ta' jekk indipendentement mill-fatt li wiehed mill-partijiet responsabbli

ghall-akkadut mhux parti f'din il-kawza, l-attur ghandux jigi risarcit mill-konvenut odjern, id-danni kollha sofferti.

**Likwidazzjoni danni.**

Jirrizulta li fid-data tal-incident l-attur, li kellu tnejn u erbghin sena (42), kien jahdem b'vettura li kienet impressed mal-Public Works Department. Barra minn hekk huwa kien ukoll jahdem "part time" bhala xufier ma' Wembley Motors. L-introitu globali minn dawn iz-zewg impiegi kien fiz-zmienijiet tal-incident u cioe cirka disa' snin ilu, madwar LM4000. Bhala rizultat tal-incident l-attur naqas li jattendi ghax-xoghol ghal cirka disa' xhur billi kien inkapacitat u tilef madwar LM3000. Skond rapport ta' l-espert mediku Mr Charles Sciberras mahtur appositament minn din il-Qorti, jidher li l-attur illum qed jbati minn dizabilita' permanenti fi grad ta' tlieta fil-mija (3%). Isegwi li l-attur huwa intitolat ghar-risarciment sew ta' damnum emergens kif ukoll f'ammont li jirrapresenta telf futur ossia 'lucrum cessans'.

Fil-komputazzjoni tal-kumpens xieraq rizultanti minn griehi ta' natura permanenti dawn il-Qrati ghal snin shah segwew l-insenjament tas-sentenza "Butler vs Heard" fejn l-ammontar tad-danni jiehu in konsiderazzjoni l-incertezzi tal-hajja b'mod li n-numru ta' snin ta' hajja lavorattiva tad-danneggat mhux necessarjament jirrifletti l-perjodu rimanenti sad-data ta' meta wiehed jirtira. Inoltre l-hekk imsejjah '*multiplier*' jaghmel certa koncessjonijiet – dejjem fl-interess tal-gustizzja – billi jalloka tnaqqis fil-komputazzjoni finali minhabba l-fatt li l-ammont ta' danni li "in realta" jirriflettu telf futur, jitnaqqas b'certa percentagg.

L-attur fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu qed jikkontesta din is-sistema ta’ likwidazzjoni ta’ danni. Principalment qed jigi sottomess li d-danni ghandhom jigu komputati fuq firxa ta’ dsatax-il sena u cioe ghaz-zmien kollu li hu kien fadallu sakemm jigi biex jirtira. Inoltre qed jinghad li ma ghandha titnaqqas ebda percentwali ghal fatt li d-danni ser jithallsu f’daqqa. In sostenn ta’ dawn is-sottomissjonijiet l-attur ghamel referenza ghal xi gurisprudenza nostrana ta’ zminijiet recenti.

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni fir-rigward tat-tnaqqis ta’ percentwali minhabba li d-danni ser jithallsu f’daqqa. Infatti dejjem gie ritenut, u fil-fehma ta’ din il-Qorti huwa gust, li meta l-proceduri ghad-determinazzjoni tar-responsabbilita’ u likwidazzjoni tad-danni jdumu zmien twil minghajr htija tad-danneggat, ghandu jkun hemm jew temperament fil-percentagg ta’ riduzzjoni jew sahansitra ma titnaqqas ebda somma mill-ammontar tad-danni. Fil-kaz in ezami ma jirrizulta ebda nuqqas da parti ta’ l-attur sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi speditezza. Sahansitra dan diversi drabi talab li tinghata sentenza anke indipendentement mill-proceduri fil-kawza konnessa. Issa disa’ snin huwa zmien twil hafna biex wiehed jircevi kumpens gust ghal dak li jkun sofra u ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandu jitnaqqas ebda percentagg minhabba li d-danni ser jithallsu minnufih.

Fir-rigward tas-sottomissjoni dwar l-ammontar tas-snin ghal komputazzjoni tad-danni din il-Qorti tosserva li s-sistema tal-‘multiplier’ fuq imsemmija necessarjament tikkunsidra u tipprovdi ghall-incertezzi tal-hajja tal-bniedem. Infatti l-kuncett kollu huwa mibni fuq din l-incertezza billi jekk wiehed kellu jkun cert mill-futur, haga impossibbli, l-komputazzjoni tad-danni ma tibqax aktar diskrezzjonali ghal Qorti izda tkun haga certa u l-ammont likwidat jkun definit. Din il-Qorti ghalhekk

ma tistax tabbraccja s-sottomissjoni ta' l-attur u ghalhekk sejra tikkomputa d-danni attrici fuq firxa ta' tnax il-sena.

Ghandu jinghad ukoll li d-danni futur ghandhom necessarjament jahsbu ghaz-zidiet fl-gholi tal-hajja, riflessi f'zidiet fil-pagi, kif ukoll l-aspett kollaterali ta' l-inflazzjoni. Huwa mistenni li fuq firxa ta' tnax il-sena l-aspettativa tal-attur ghal dak li huwa introitu mix-xoghol normali tieghu, ghanda tigi riflessa f'zieda f'paga. Fl-1992 l-attur kellu introitu ta' LM4000 miz-zewg impiegi li kien jokkupa u ghalhekk ma hu xejn anormali li tali introitu jizdied b'aktar minn 25% fuq firxa ta' tnax il-sena. Id-danni ghalhekk ser jigu komputati fuq introitu ta' LM5000.

L-attur sofra dizabilita' permanenti fi grad ta' 3% skond ma iccertifika Mr. Sciberras. Ghalhekk a bazi ta' dak li inghad aktar-il fuq d-danni dovuti lill-attur bhala kumpens ghal telf futur jammontaw ghas-somma ta' elf u tmien mitt lira maltin (LM1,800).

Dwar telf effettiv u cioe damnum emergens l-attur xhed li huwa ma hadimx ghall-perjodu ta' cirka disa' xhur wara l-incident u b'hekk tilef introitu ta' LM3,000. F'dan l-attur mhux kontestat u din il-Qorti ma tarax ilghala ma ghandhiex taccetta din il-verzjoni u takkorda dawn id-danni.

Ghalhekk jigi li d-danni sofferti mill-attur bhala rizultat ta' dan l-incident jammontaw ghas-somma ta' erbat elef u tmien mitt lira maltin (LM4,800).

Finalment ghandha tigi kunsidrata s-sottomissjoni tal-attur maghmula fin-nota tal-osservazzjoni fis-sens li ghalkemm is-sentenza tal-Onor Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Elmo Insurance vs PC 537 Joseph Micallef et"

qasmet ir-responsabbilita’ ghall-incident u konsegwentement ghad-danni rizultanti fuq iz-zewg konvenuti f'dawk il-proceduri, din il-Qorti ghandha tikkundanna lill-uniku konvenut f’dawn il-proceduri u cioe PC Micallef biex jhallas d-danni kollha likwidati – dejjem bla pregudizzju ghad-dritt ta’ dan ta’ rivalsa fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija ghall-kontribuzzjoni ta’ sehemu.

L-artikolu rilevanti in materja huwa l-Artikolu 1050 tal-Kodici Civili li jiddisponi hekk: “*(1) Jekk il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista’ tigi stabbilita, min ikun bata l-hsara jista’ jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu hadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament, bla hsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-iehor jew l-ohrajn.”*

Fis-subinciz 2 tal-istess artikolu l-ligi tkompli tipprovdi li “*F’dan il-kaz, il-konvenut jista’ jitlob li dawk kollha li jkunu ikkagunaw il-hsara jigu msejha fil-kawza bil-mod u ghall-effetti msemmijin fl-artikolu 962 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-Qorti tista’ tqassam fuq kull wiehed minnhom is-somma mehtiega ghall-hlas tal-hsara, ff’ishma ndaqs jew mhux indaqs, skond ic-cirkostanzi; bla hsara dejjem tal-jedd ta’ dak li jbati l-hsara illi jitlob il-hlas tas-somma kollha minghand kull min irid minnhom, u dawn lejh ghandhom ilkoll jigu kkundannati in solidum*”

L-artikolu 1089 tal-Kap 16 jiddisponi li solidarjeta’ ma tistax tigi prezunta u jekk ma tkunx iddikjarta mil-ligi, ghandha tkun miftiehma espressament. Bhala regola generali kull persuna li tikkaguna xi dannu hija responsabbli ghar-risarciment tal-istess lejn id-danneggat. L-eccezzjonijiet ghal din ir-regola jinsabu fl-artikolu 1050, fuq citat, fejn

hemm solidarjeta' bejn diversi persuni meta ma jkunx jista' jigi stabbilit l-parti tal-hsara li kull wahda minn dawk il-persuni tkun ikkagunat, u f'dak li jipprovdi l-artikolu precedenti u cioe l-artikolu 1049 li jghid li hemm solidarjeta' bejn id-dannegganti meta l-hsara tkun giet kkawzata dolozament.

L-attur qed jissottometti li l-ahhar parti tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 1050 fuq citat jintitolah jitlob risarciment tal-ammont kollu likwidat fil-konfront tieghu minghand l-uniku konvenut fil-kawza u cioe PC Joseph Micallef. Izda din il-Qorti tosserva li l-kliem "*bla hsara dejjem tal-jedd ta' dak li jbati l-hsara illi jitlob il-hlas tas-somma kolla minghand min irid minnhom*" tirriferi biss ghad-dritt ta' dak li jbati l-hsara li jazzjona wiehed mill-persuni responsabbli imsemmija fl-istess artikolu u cioe meta "*il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista' tigi stabbilita'*" u mhux f'kull kaz ta' danni.

Issa kif gja inghad aktar il-fuq r-responsabbilita' tal-persuni li kkagunaw il-hsara sofferta mill-attur fl-incident fuq imsemmi giet definittivament stabbilita' bis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Elmo Insurance Services vs PC Joseph Micallef et" fejn gie deciz mhux biss li l-persuni li ghandhom jirrispondu ghall-hsara huma l-istess PC Micallef u l-Kummissarju tal-Pulizija izda li tali responsabbilita' ghandha tigi apporzjonata ugwalment bejn dawn iz-zewg partijiet fil-kawza.

Ghalkemm l-attur odjern ma kienx parti in kawza fil-proceduri determinati bis-sentenza tal-Onor Qorti tal-Appell fuq imsemmija, dik is-sentenza trid, ta' bilfors, taghmel stat fil-konfront tal-partijiet f'din il-kawza billi dak il-pronunzjament tal-Onor Qorti tal-Appell jikkoncerna l-istess incident mertu ta' dawn il-proceduri u la darba giet stabbilita'

r-responsabbilita’ ghall-incident din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni differenti in meritu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi filwaqt li tiddikjara li l-incident mertu tal-kawza gara b’tort tal-konvenut u tal-Kummissarju tal-Pulizija li mhux parti in kawza, u dana fi kwoti ugwali bejniethom, tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' erbat elef u tmien mitt lira maltin (LM4,800) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nofs dan l-ammont u cioe is-somma ta’ elfejn u erba’ mitt lira maltin (LM2,400).

Billi l-attur ma kellu ebda tort ghall-akkadut tordna li l-ispejjes kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri